TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/343/11/S

Dr.Clare Zammit
Vs
AirMalta plc

Illum 12 ta'Dicembru,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Dr.Clare Zammit datata 11 t'Awwissu,2011 u r-risposta tas-socjeta AirMalta plc ipprezentata fil-31 t'Ottubru,2011;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u r-rapprezentanti taghhom;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda thassir ta' 'return flight' wara li kien hemm 'no show' daparti tal-attrici fil-vjagg inizjali;

Illi jidher car li l-attrici kellha ticcekkja sew l-'conditions of carriage' meta bbukkjat 'online' il-vjagg taghha;

Illi kieku ghamlet dan, l-attrici setghet tinduna li f'kaz ta' "no show", jithassar il-parti rimanenti tal-vjagg;

Illi meta wiehed jaghafas il-buttuna li tikkonferma li qrat il-kundizzjonijiet hemm imnizzla, dan ifisser proprju dan;

Illi min-naha l-ohra, kif gja kellu cans jikkummenta f'decizjonijiet ohra, dan it-Tribunal ihoss li kuntratt ghandu jkun car u li jinftiehem minn kulmin jiffirmah;

Illi l-Qorti tal-Appell (Superjuri) b'decizjoni moghtija fid-29 t'Ottubru,2004 qalet hekk: "...*Kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom u ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi.*

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

*Biex kuntratt jissodisfa l-vot tal-ligi jehtieg li jkun fih dawk ir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-Artikolu 966 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-kapacita`, il-kunsens, l-oggett u kawza lecita. Naturalment jekk kuntratt jissodisfa dawn r-rekwiziti ma jistax jigi dikjarat null jew bla effett billi tali kuntratt jkun qed jirrifletti l-volonta` legittima tal-kontraenti liema volonta` hija suprema kif jixhdu r-regoli ta' interpretazzjoni li jinsabu fl-Artikolu 1002 et sequitur tal-Kap 16..."*[1]

Illi min-naha l-ohra, dan it-Tribunal mhuwiex konvint li dan il-ftehim b'numru sostanzjali ta' klawsoli (fil-'conditions of carriage', jinqraw u jigu mifhuma mill-konsumaturi u facli li wiehed jiffirma jew jaghfas buttuna bhal fil-kaz odjern, minghajr ma jaqra dan il-ftehim;

Illi anki kieku kellu jinqara' dan il-ftehim, konsumatur ghandu bzonn ikollu car f'mohhu ghal xiex qed jiffirma u ghalxiex se jintrabat;

Illi mill-provi imressqa quddiemu, dan it-Tribunal mhuwiex konvint li dan il-ftehim jirraprezenta l-volonta legittima tal-attrici;

Illi dan it-Tribunal ihoss li l-punti principali ta' ftehim, partikolarment l-oneri fuq il-konsumatur, ghandhom ikunu cari u jinghataw prominenza partikolarment fl-uzu tal-'internet';

Illi fil-fatt l-avukat tas-socjeta konvenuta kkonferma dan il-hsieb ta' dan it-Tribunal fejn wera' kif se tidher il-'website' fil-futur qarib fejn bi prominenza hemm iminizzel x'jista' jigri jekk ikun hemm 'no show';

Illi mix-xhieda mismugha u mill-provi prodotti, ma jirrizultax xi nuqqas daparti tas-socjeta konvenuta fl-obbligi assunti minnha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta AirMalta plc u Jichad it-talba ta' Dr.Clare Zammit f'dak li hu inkompatibbli ma' dak hawn taht deciz, Jaqta' u Jiddeciedi

---

[1] "Vittoria Sciberras et vs Sister Adelaide Gauci noe et" (729/1993)

billi Jordna lis-socjeta AirMalta plc thallas lil Dr.Clare Zammit is-somma ta' €70 stabbilita *ex aequo et bono* u b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru